MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Rikors Numru. 56/2007

Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Gasan Insurance Agency Limited u dina bhala rappresentatrici tad-ditta assikuratrici estera General Accident Fire & Life Assurance Corporation P.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Stephen Abela, u b’nota tal-11 ta’ Mejju 2000 is-socjeta` GasanMamo Insurance Agency Limited in rappresentaza tas-socjeta` assikuratrici estera CGU Insurance p.l.c, gia General Accident Fire & Life Assurance Corporation p.l.c., kif surrogata fid-dritijiet tal-assikurat taghha Stephen Abela assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Gasan Insurance Limited ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta General Accident Fire & Life Assurance Corporation p.l.c.
vs
Stephen Calleja

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

Illi b'sentenza tat-2 ta' Novembru 2000 fl-ismijiet Dottor Louis Bianchi nomine vs Stephen Calleja (Cit. 917/95DS) is-socjeta` rikorrenti giet kanonizzata kreditrici tal-intimat fis-somma ta' Lm910.77 (disgha mija u ghaxar liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu) bl-imghaxijiet mit-2 ta' Novembru 2000.

Illi dan l-ammont kien ghadu dovut u l-imghaxijiet fuq dan l-ammont sal-10 ta' Jannar 2007 telghu ghall-ammont ta' Lm437.17 ghar-rigward l-imghaxijiet u l-ispejjes skond l-annessa taxxa gew jammontaw ghas-somma ta' Lm524.60, u ghalhekk b'kollox sallum l-ammont dovut huwa ta' Lm1,872.54.

Illi sallum l-intimat kien ghadu ma hallas xejn mill-ammont dovut.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti ghandha l-interess illi tipprocedi permezz ta' mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ir-rikorrenti filwaqt li ghamel referenza ghall-artikolu 258 et seqitur tal-Kodici ta' Organizzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta' Malta talab lill-Qorti:

Tawtorizzah jesegwixxi s-sentenza kontra l-istess Stephen Calleja ghall-ammont komplessiv ta' Lm1,872.54.

Rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat illi l-initmat debitament notifikat skond il-ligi ma pprezenta ebda risposta u ghalhekk baqa' kontumaci.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk, fuq kontumacja tal-intimat, it-talba rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti qed tilqaghha billi tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija kontra l-istess Stephen Calleja ghall-ammont komplessiv ta' Lm1,872.54.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------